



European
Commission



Network tal-UE
ta' Esperti Indipendenti
fuq l-Esklużjoni Soċjali

**Investiment fit-tfal –
biex jitwaqqaf iċ-ċiklu tal-iżvantaġġ**

Studju tal-Politika Nazzjonali

Malta

Din il-pubblikazzjoni kienet ippreparata għall-Kummissjoni Ewropea mis-



© Disinn tal-Qoxra: Unjoni Ewropea

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kull persuna oħra għan-nom tal-Kummissjoni ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu ta' xi informazzjoni li hawn f'din il-pubblikazzjoni.

L-opinjoni espressi hawnhekk huma ta' l-awtur u ma għandhomx jiġu meqjusa bħala l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Istat Membru.

Aktar informazzjoni fuq in-Network ta' esperti indipendenti tinstab hawn:
<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1023&langId=en>

© European Union, 2014
Riproduzzjoni hija awtorizzata basta s-sors jiġi mogħti.

Investiment fit-tfal – biex jitwaqqaf iċ-ċiklu tal-iżvantaġġ

Studju Dwar Politika Nazzjonali

MARIO VASSALLO
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

IR-RAPPORT TAL-PAJJIŻ - MALTA

Kontenut

Lista ta' Tabelli	6
Sommarju Eżekuttiv	7
1. Daħla	9
2. Servizzi għat-tfal	11
2.1 Daħla	11
2.2 Kummissarju għat-tfal	11
2.3 Fondazzjoni għal Servizzi għall-Ħarsien Soċjali	11
2.3.1 Aġenzija Appoġġ	12
2.3.2 Aġenzija Sedqa: l-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Abbuż ta' Droga u Alkoħol	13
2.3.3 Aġenzija Sapport	14
2.3.4 Miżuri ta' protezzjoni soċjali	15
2.3.5 Politika Nazzjonali għat-Tfal	15
3 Qafas ġenerali	17
4 Aċċess għal riżorsi adegwati	19
4.1 Sapport għall-ġenituri biex ikunu jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol	19
4.2 Livelli ta' Għijxien Adegwat	21
4.3 Assesment: Saħħiet u Djufijiet, sfidi prinċipali u ħtiġijiet ta' titjib fil-politka	22
5. L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-inklużjoni soċjali fis-semestru Ewropew	25
6. Użu ta' strumenti finanzjarji tal-UE	27

Lista ta' Tabelli

Tabella 1: Indikaturi Soċjali Prinċipali għar-riskju-tal-faqar (Tfal).....	9
Tabella 2: Riskju-tal-faqar-fix-xogħol, skont kemm jaħdmu (%: <i>Full-time</i>)	19
Tabella 3: Riskju-tal-faqar-fix-xogħol, skont kemm jaħdmu (%: <i>Part-time</i>).....	20

Sommarju Eżekuttiv¹

Il-Maltin huma magħrufin sew għall-imħabba lejn i-tfal, u tradizzjonalment dejjem imxew b'mod li l-ħtiġijiet tat-tfal jieħdu preċedenza fl-affarijiet tal-familja. Tradizzjonalment il-familja estiża pprovdiet il-kura u l-ġenituri jagħmlu minn kollox biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tat-tfal, pjuttost milli jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom infushom.

Is-sistema tal-kura soċjali Maltija tirrifletti dawn l-attitudnijiet. Matul is-snin il-Knisja żviluppat sensiela ta' servizzi ta' kura residenzjali għal dawk it-tfal li ma setgħux jiġu mrobbija fil-familji tagħhom, speċjalment meta kienu jitwiellu barra ż-żwieġ, fi żmien meta dan kien tabu' f'soċjetà Kattolika magħluqa. Dawn is-servizzi għadhom sal-lum immexxijin mill-Knisja. Dawn l-Istituti, li llum ġew imsemmijin mill-ġdid bħala 'Djar tat-Tfal', jattiraw ħafna attenzjoni u għajjnuna finanzjarja minn kull livell tas-soċjetà Maltija. B'ħafna modi l-Maltin iħossu li hu d-dover tagħhom li jgħinu lil dawn it-tfal li huma inqas ixxurtjati minnhom. Dawn l-atteġġjamenti universali jista' jkun li jinbidlu hekk kif dawn id-djar qed jimtlew b' ta' immigranti irregolari pjuttost milli bi tfal ta' Maltin, minħabba wkoll li t-tabu' dwar twelid barra ż-żwieġ kważi sparixxa għal kollox.

Il-proviżjoni tal-Istat għat-tfal, kemm f'dawk li huma servizzi għal kullħadd, kif ukoll f'dawk li huma servizzi ffukati fuq ċerti ħtiġijiet, huma estensivi ħafna. Is-servizzi huma maqsumin fi tnejn: dawk tal-kura soċjali u dawk edukattivi, kull waħda bl-istrutturi tgħha u b'sensiela ta' servizzi. Is-servizzi tal-kura soċjali personali pprovduti mill-istat huma miġburin taħt il-Fondazzjoni tal-Kura Soċjali, li taħdem prinċipalment permezz ta' tliet aġenziji: *Appoġġ*, *Sedqa* u *Sapport*. L-attivitajiet ta' dawn it-tliet aġenziji jaffettwaw lit-tfal, imma Appoġġ hija l-aġenzija li tiffoka prinċipalment fuq il-ħtiġijiet tat-tfal. Is-servizzi tal-kura soċjali personali huma aspett wieħed biss ta' dak li jeżisti: l-istat Malti huwa ġeneruż ħafna ma' familji bit-tfal, kemm billi jipprovdni benefiċċji lil kulħadd bħal children's allowances, konċessjonijiet fiskali u edukazzjoni b'xejn sal-livell terzjarju, kif ukoll billi jipprovdni għajnuniet finanzjarji speċjali għal gruppi speċifiċi, speċjalment għal persuni b'diżabilita jew żvantaġġjati.

Fuq ii-karta mela, l-istrutturi għall-kura tat-tfal jeżistu, u huma estiżi ħafna. Minkejja dan però, l-indiċijiet ta' riskju-ta'faqar għat-tfal mhumieq baxxi għal Malta, u fil-verità ma jaqblux mal-livell ta' proviżjonijiet li jeżistu. Il-problema prinċipali f'dan ir-rigward hu li fil-maġġoranza tagħhom is-servizzi ta' kura soċjali personali huma kurattivi u mhux preventivi, u s-servizzi huma pprovduti lin-nies li jfittxuhom huma stess mhux għax jiġu mfittxa mill-operaturi soċjali. Il-benefiċċji finanzjarji wkoll mhux dejjem jaslu sat-tfal għax min jieħu ħsiebhom faċilment jonfoq il-flus fuq ħwejjeġ oħra. Dak li hi meħtieġ u urġenti f'Malta huwa ċ-ċaqliq tal-mudell (paradigm shift) minn servizzi kurattivi għal servizzi preventivi, ċaqliqa li trid tfisser l-iżvilupp mill-bidu nett ta' ġenerazzjoni ġdida ta' ħaddiema soċjali tal-komunità li x-xogħol tagħhom ikun li jfittxu huma stess, li jilħqu direttament lil dawk li qegħdin fil-bżonn biex jagħtuhom is-sapport u jgħinuhom jitgħallmu ħiliet ġodda għall-ħajja. Sfortunatament, sforzi li kienu nbdew mill-Uffiċċju Ċentrali tad-Djar tat-Tfal tal-Knisja, *Ejjew Għandi*, ma tkomplewx.

Minħabba dawn il-problemi, l-edukazzjoni bikrija u l-mod kif qed tiġi mogħtija l-kura qed tiġi mogħtija attenzjoni mill-UE saħansitra billi s-CS għal Malta inkluda rakkomandazzjoni fuq is-servizzi ta' kura għat-tfal. Effettivament Malta għamlet użu tajjeb tal-istrumenti finanzjarji tal-UE biex twaqqaf l-infrastutturi għas-Servizzi ta' Kura għat-Tfal biex tilħaq tfal li għadhom ma jmorrux skola waqt li ommijiethom

¹ Ta' min jinnota li dan ir-rapport kien miktub f'Settembru tal-2013, u huwa bbażat fuq l-informazzjoni u l-fatti kif kienu dak iż-żmien. F'xi partijiet minnu, żviluppaw l-affarijiet, u għal uħud minn dawn hemm referenzi fit-test. Imma dan ir-rapport ma jgiborx fih kull ma ġara wara Settembru tal-2013.

imorru għax-xogħol, ħaġa li iktar ma jgħaddi ż-żmien qed tiżdied anki minħabba li saret politika uffiċjali biex jikber l-iżvilupp ekonomiku. Li qed isir għandu l-iskop li jkun hemm rabta iktar bejn it-taħriġ, l-użu tiegħu u x-xogħol, u fl-istess ħin aktar nisa jidhru fis-suq tax-xogħol, kif emfasizzat fis-CSR għal Malta. Riżorsi fiżiċi huma fil-verità neċessarji u utli, imma l-ħtieġa li dawn ir-riżorsi jintużaw biex issir iċ-ċaqliqa tal-mudell kif ġiet diskussa aktar 'il fuq qed issir iktar urġenti. Fl-istess ħin, huwa importanti li ma jiġux żviluppata mudelli ta' edukazzjoni li jkunu doġoq u li t-taħriġ ma jkollux għanijiet doġoq wisq għax dan joħnoq il-flessibilità karatteristika li fil-każ ta' Malta swiet ħafna matul il-kriżi finanzjarja reċenti biex l-ekonomija Maltija żżomm lilha nnifisha 'l fuq mill-ilma.

Fi-fatt, jidher li l-futur ta' Malta jista' jkun iktar żgur jekk:

- a) Issir iktar riċerka ffukata kemm fuq il-ħtiġijiet tat-tfal u tal-familji tagħhom;
- b) Jiġu żviluppata programmi ta' 'outreach', biex jipprovdu sapport preventiv, mhux sempliciement kurattiv;
- c) Tiġu żviluppata orjentazzjoni ġdida fil-ħidma soċjali permezz ta' programmi ġodda ta' taħriġ għal ħaddiema soċjali tal-komunità, li mbagħad jaħdmu direttament mal-klijenti tagħhom fid-djar u fuq ix-xogħol, u mhux mill-uffiċċji tal-aġenziji; u
- d) Jiġu żviluppata aktar sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ li jnisslu bilanċ bejn l-orjentament għax-xogħol u l-flessibilità permezz ta' inkuraġġiment biex jiġu akkwistati ħiliet ġodda (p.e. ħiliet fil-lingwi) li min-natura tagħhom jassiguraw li l-ħaddiema Maltin isiru iktar flessibbli u adattabbli għal ħtiġijiet u żviluppi ġodda milli kienu sa issa.

1. Daħla²

Għall-Maltin, it-tfal minn dejjem kienu kkunsidrati bħala rigal minn Alla, u kull familja tara kif tagħmel biex it-tfal ikollhom mill-aħjar. In-numru tat-tfal fil-familja naqas sew matul dan l-aħħar nofs seklu u fil-familji Maltin illum rari ssib iktar minn żewġt ulied. It-tnaqqis fin-numru tal-ulied ġara fl-istess żmien li kibru l-opportunitajiet edukattivi għan-nisa, u għalhekk in-nisa bdew jidħlu iktar fid-dinja tax-xogħol. Li aktar nisa jaħdmu huwa issa objettiv importanti tal-politika nazzjonali, u ħaġa li hija kkunsidarata neċessarja jekk Malta trid tkompli s-sostni sistema ta' ħarsien soċjali b'saħħitha, u servizz tas-saħħa b'xejn. It-tnaqqis fin-numru tal-ulied qiegħed bħalissa jinkwieta lill-istudjużi tad-demografija għax Malta mhix qed tiġġenera biżżejjed biex il-popolazzjoni tirriproduċi lilha nnifisha.

Fl-istess waqt, Malta għandha storja twila ta' kura residenzjali għat-tfal, immexxija prinċipalment minn organizzazzjonijiet tal-Knisja, speċjalment minn numru kbir ta' organizzazzjonijiet reliġjużi li għandhom il-kura tat-tfal bħala aspekk importanti, jekk mhux ukoll ewlieni, tal-vokazzjoni tagħhom. Il-Maltin għandhom dawn l-istituzzjonijiet, magħrufin bħala 'Istituti', imma issa li ġew organizzati u msemmija 'Djar tat-Tfal', huma għal qalbhom ħafna, bħalma jidher sew fil-ġenerożità kbira b'mod regolari, kemm biex isostnuhom ġurnata b'ġurnata matul is-sena permezz ta' donazzjonijiet volontarji, kif ukoll kull meta jsiru maratoni ta' ġbir permezz tal-mezzi tax-xandir, speċjalment tat-TV.

Fatt paradossali li jtappan is-sitwazzjoni tat-tfal f'Malta hu l-livell relattivament għoli ta' tfal li qegħdin f'riskju ta' faqar, livell li donnu ma jridx jinżel, imma pjuttost qed dejjem jogħla, kif jidher mit-Tabella 1 hawn taħt. Dan joħloq inkwiet għall-pajjiż, u għall-poplu, li għandu imħabba kbira għat-tfal.

Table 1: Indikaturi Prinċipali ta' Riskju-ta'-Faqar (tfal)

MT	%	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2010	2011
Tfal (0-17)	F'riskju-ta'-faqar jew esklużjoni soċjali	22.8	20.8	23.1	23.5	25.5	24.3	25.8	27.1	27.0
	Rata ta' Riskju-ta'-Faqar	16.7	16.7	19.0	19.3	20.9	19.9	21.1	20.5	20.6
	Rata ta' Deprivazzjoni Materjali Severa	6.3	4.4	5.8	5.6	6.5	6.5	7.0	9.7	10.0
	Sehem ta' nies li qed jgħixu f'households li għandhom intensità baxxa ta' xogħol	9.8	8.3	9.4	9.2	8.9	8.6	8.3	9.1	8.8
	Impatt ta' trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqas tal-faqar (esklużi pensjonijiet) (f%)	34.3	37.7	31.9	34.4	33.4	32.8	30.4	41.4	40.5

Sors: Eurostat

² Ta' min jinnota li dan ir-rapport kien miktub f'Settembru tal-2013, u huwa bbażat fuq l-informazzjoni u l-fatti kif kienu dak iż-żmien. F'xi partijiet minnu, żviluppaw l-affarijiet, u għal uħud minn dawn hemm referenzi fit-test. Imma dan ir-rapport ma jiġborx fih kull ma ġara wara Settembru tal-2013.

Dan ir-rapport ifittex li jeżamina l-politika soċjali pubblika fil-kuntest ta' din is-sitwazzjoni paradossali. Is-sezzjoni li jmiss tiġbor fil-qasir is-servizzi li jeżistu, u turi minn fejn qed jiġu mogħtija.

2. Servizzi għat-tfal

2.1 Daħla

2.1.1 Is-servizzi ta' kura soċjali li jieħdu ħsieb il-problemi tat-tfal, immexxija mill-istat, huma mferrxin sew. Is-servizzi jiġu pprovduti minn numru ta' Aġenziji inkorporati taħt il-Fondazzjoni għal Servizzi għal Ħarsien Soċjali, li taqa' taħt il-ministeru responsabbli tal-politika soċjali. Malta għandha wkoll Kummissarju għat-Tfal. Servizzi purament edukattivi huma r-responsabilita' tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, li jaħdem permezz tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Abbozz ta' Politika Nazzjonali għat-Tfal ġie varat f'Novembru 2011 għall-konsultazzjoni pubblika. Dan li ġej hu ġabra fil-qosor tas-servizzi li jeżistu, u min jipprovdihom.

2.2 Kummissarju għat-tfal

Il-Kummissarjat għat-Tfal hija istituzzjoni indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem li tippromovi d-drittijiet tat-tfal u tagħtihom vuċi.³ Il-Kummissarju għat-Tfal huwa marbut bl-erba' P, kif maħsub fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal:

- **P**romozzjoni u **P**rotezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal;
- **P**artecipazzjoni tat-tfal;
- Monitoraġġ tal-**P**roviżjoni tas-servizzi.

2.3 Fondazzjoni għal Servizzi għall-Ħarsien Soċjali

Il-Fondazzjoni għal Servizzi għall-Ħarsien Soċjali ġiet imwaqqfa f'Marzu 1998, bir-responsabilita' fis-settur tas-servizzi soċjali. Ġiet stabbilita fuq servizzi tal-gvern fil-qasam tal-ħarsien soċjali, u issa taħdem prinċipalment permezz ta' tliet Aġenziji, li huma: *Aġenzija Appoġġ*, *Aġenzija Sedqa* u, mill-2007, permezz ta' *Aġenzija Sapport*. Għalkemm mhux it-tliet aġenziji jagħtu servizz għat-tfal biss, kollha jipprovdu servizzi li għandhom xi rabta mat-tfal.

³ L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal jippromovi u jaħdem favur id-drittijiet u l-interessi tat-tfal u jassigura li t-tfal qed jiġu mogħtija l-possibilita' li jesprimu l-opinjoni tagħhom, kif ukoll jassigura li d-drittijiet u l-interessi tat-tfal qegħdin jittieħdu in konsiderazzjoni mid-dipartimenti tal-gvern, l-awtoritajiet lokali, istituti pubbliċi oħra u organizzazzjonijiet oħra volontarji u pubbliċi meta jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu t-tfal.

Fost il-ħafna funzjonijiet li għandu dan l-Uffiċċju, ta' min isemmi li dan l-uffiċċju

- Jimmonitorja u jassessja l-policies u l-prattiċi tas-servizzi tal-kura soċjali li jaffettwaw lit-tfal;
- Jassigura li l-leġislazzjoni li għandha x'taqsam mal-protezzjoni tal-interessi tat-tfal tkun osservata;
- Jagħti pariri lill-gvern u jipproponi miżuri kif ikun meħtieġ biex jiġu assigurati d-drittijiet u l-interessi tat-tfal; kif ukoll
- Ifittex li l-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal li ġiet ratifikata minn Malta u trattati oħra internazzjonali, konvenzjonijiet u ftehim oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tfal li ġew iffirmati s'issa jew li jistgħu jiġu iffirmati 'l quddiem, ikun qed jiġu mħarsa.

Il-Kummissarju għat-Tfal huwa kommiss favur l-erba' P, kif maħsuba fil-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-tfal:

- Promozzjoni u Protezzjoni tad-Drittijiet tat-tfal
- Parteċipazzjoni tat-tfal
- Monitoraġġ tal-Proviżjoni tas-Servizzi

2.3.1 Aġenzija Appoġġ

Aġenzija Appoġġ hija l-aġenzija prinċipali tal-Gvern li għandha r-responsabilità li tissalvagwardja l-benesseri tat-tfal. Meta twaqqfet fl-1994, Appoġġ offriet kura speċjalizzata permezz ta' servizzi ta' ħidma soċjali għat-tfal permezz ta' Servizz ta' Protezzjoni tat-Tfal. Dan kien l-uniku servizz għat-tfal li l-Aġenzija kienet tipprovdi għal numru ta' snin. Imma fil-fatt, dan is-servizz kien qed iservi bħala servizz ġenerali ta' welfare u kien qed jindirizza numru kbir ta' problemi li kienu jiltaqgħu magħhom it-tfal. Dan irriżulta f'piżijiet kbar u fl-2000 ġie deċiż li jinħolqu numru ta' servizzi ġodda biex jistgħu jintlaħqu l-ħtiġijiet li kienu qed jinħolqu. Din il-miżura serviet bħala pass importanti biex, fil-waqt li tfal abbużati bdew jirċievu servizz iktar effiċjenti u effettiv miċ-Child Protection Services, tfal oħrajn li kellhom bżonn bdew jiġu mogħtija sapport permezz ta' servizzi oħra mill-Appoġġ. B'hekk ġie assigurat servizz iktar ħolistiku u integrat. Dan jinkludi:

- Ġie mwaqqaf **Servizz ta' Fostering** fil-bidu tas-sena 2000 biex jipprovdi ħidma soċjali bħala sapport għal persuni li bdew jiffosterjaw. Dan is-servizz jaħdem magħhom biex jassigura l-aħjar servizz għat-tfal taħt il-kura tagħhom. Il-fostering għandu l-għan li jipprovdi ambjent ta' familja alternattiv għal dawk it-tfal li ma jistgħux jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom.
- Servizz ieħor, magħruf bħala **Looked After Children Service** ġie mwaqqaf fl-2001 biex jiżgura li t-tfal li qed jgħixu barra l-familja tagħhom, fi djar residenzjali jew iffosterjati, ikollhom pjan ta' kura u jiġu segwiti regolarment. Formalment, dan is-servizz għandu l-għan li jirritorna t-tfal fil-familja tagħhom meta jkun possibbli.
- Is-**Servizz tal-Qrati** ġie wkoll imwaqqaf fl-2001 biex jipprovdi servizz limitat għat-talba dejjem tikber mill-qrati għal rapporti fuq il-kustodja u kwistjonijiet marbutin magħha. Is-Servizz tal-Qrati jassisti lill-Qorti tal-Familja fl-assessments, rakkomandazzjonijiet u monitoraġġ, prinċipalment f'każijiet ta' separazzjoni.
- Is-servizz ta' **Visti taħt Superviżjoni** ġie mwaqqaf fl-1995. Is-servizz jipprovdi superviżjoni minn persuni ttrenjati. Jintuża għal tfal meta jkun hemm kwistjonijiet fil-familja.
- Fl-2001, proġett pilota, **is-Servizz ta' Monitoraġġ fi Tmim il-Ġimgħa** ġie mwaqqf. Dan is-servizz jgħin lil dawk it-tfal li jistgħu iżuru lill-familji tagħhom fi tmim il-ġimgħa li għandhom bżonn monitoraġġ waqt li jkunu id-dar. Il-persuni li jagħmlu dan il-monitoraġġ joffru sigurtà' lil dawn it-tfal, josservaw l-imġiba tagħhom waqt li jkunu hemm u jgħinuhom jibnu relazzjoni pożittiva mal-ġenituri tagħhom jew ma' dawk li jieħdu ħsiebhom. Is-servizz għandu wkoll l-għan li jiżgura li t-tfal ikunu siguri waqt iż-żjarat tagħhom.⁴
- Is-**Servizz ta' Sapport Intensiv (High Support)** kien inawgurat fl-2002 għal tfal li jgħixu fi djar residenzjali li għandhom bżonn għajnuna speċjali ġo djar residenzjali minħabba l-ħtiġijiet emozzjonali u psikoloġiċi tagħhom. Is-servizz huwa intiż li jipprovdi kura individwalizzata għal dawn it-tfal vulnerabbli.
- **Supportline 179** huwa servizz bit-telefon b'xejn li jopera 24 siegħa kuljum immexxi minn tim professjonali ta' voluntieri li ġew ittrenjati mill-Aġenzija Appoġġ. Is-servizz jipprovdi sapport immedjat u kunfidenzjali lil min iċempel, tkun xi tkun l-età, li jkollhom bżonn l-għajnuna regolarment jew waqt xi kriżi. Is-servizz jipprovdi wkoll informazzjoni fuq is-servizzi soċjali u sistemi ta' fejn wieħed jista' jirrikorri għal dawn li jkollhom bżonn iktar għajnuna. *Supportline 179* jirċievi sejħiet fuq abbuż ta' tfal, vjolenza domestika, problemi ta' drogi/alkoħol/logħob ta' flus, fost l-oħrajn.

⁴ Aktar tard dan is-servizz kien żviluppat bħala servizz ta' monitoraġġ, u wara ġie sospiż prinċipalment minħabba nuqqas ta' nies biex imexxuh.

Minn barra dawn is-servizzi speċjalizzati, matul is-snin Appoġġ żviluppa wkoll servizzi terapewtiċi oħra, fil-komunita', għat-tfal u għall-familji. Is-Servizzi tat-Tfal joffru numru ta' servizzi speċjalizzati għat-tfal li jkunu għaddejjin minn xi kriżi jew trauma f'ħajjithom.

2.3.2 Aġenzija Sedqa: I-Aġenzija Nazzjonali kontra I-Abbuż ta' Droga u Alkoħol

Sedqa ġiet imwaqqfa fl-1994 u toffri servizzi ta' promozzjoni tas-saħħa, prevenzjoni, trattament u oħrajn ta' riabilitazzjoni lill-persuni li għandhom problemi ta' droga, alkoħol u/jew loġħob, u lill-familji tagħhom. L-Aġenzija tagħmel ukoll riċerka flimkien mat-tim tar-riċerka tal-FSWS. Bħala l-aġenzija nazzjonali, Sedqa tikkonsisti f'żewġ taqsimiet, jiġifieri a) Kura u b) Prevenzjoni. Tim żgħir jissapportja liż-żewġ sezzjonijiet. Kull sezzjoni tikkontribwixxi b'mod speċifiku fix-xogħol kontra l-abbuż tad-droga. Il-missjoni tas-Sedqa hija *'li tippjana u tirrakkomanda żviluppi u aġġornamenti fil-politika nazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mad-droga u l-abbuż tal-alkoħol, u biex tipprovdi servizzi fil-promozzjoni tas-saħħa, prevenzjoni, trattament u riabilitazzjoni ta' persuni bi problemi ta' droga u/jew ta' alkoħol, u lill-familja tagħhom, biex tgħinhom jgħixu ħajja stabbli u biex jintegraw aħjar fis-soċjeta'*. Ir-rwol prinċipali fejn jidħlu t-tfal hu fis-servizzi preventivi, li jiġu mogħtija fl-iskejjel, kemm primarji kif ukoll sekondarji.

- **Programmi fl-Iskejjel Primarji.** Programm komprensiv ittargitjat għat-tfal tal-Iskejjel Primarji, jiġifieri Snin 3, 5 u 6. Dan il-programm ifittex li jħajjar lit-tfal isiru konxji mill-ħtiġijiet ta' ħiliet għall-ħajja, u fis-snin ta' wara, tal-effetti negattivi tal-abbuż tad-droga. Il-programm jikkonsisti f'workbooks T.F.A.L.⁵ u f'CDs interattivi magħmulin għat-tfal, biex jintużaw fil-klassi mill-għalliema u l-faċilitaturi tas-Sedqa. Dawn il-workbooks jinkludu programm ta' attivitajiet ta' formazzjoni u informazzjoni ta' ħiliet għall-ħajja. Jiffukaw fuq tliet suġġetti prinċipali, jiġifieri 'Iġene Mentali', 'Relazzjonijiet Soċjali' u 'L-Użu għaqli tal-Mediċini'. Il-programm B.A.B.E.S. indirizzat għat-tfal tat-tielet sena (7 u 8 snin) biex jiżviluppaw ħiliet għall-ħajja pożittiva. Il-programm ta' sitt lezzjonijiet hu ppreżentat minn faċilitaturi tas-Sedqa, ittrenjati apposta. Matul il-programm it-tfal jitgħallmu dwar l-immaġini tagħhom infushom, kif iħossu, kif jagħmlu deċiżjoni, fuq il-pressjoni ta' sħabhom, kif jikkopjaw, alkoħol, tabakk, l-użu għaqli tal-mediċinali u kif ifittxu l-għajnunha. Bħala għajnuniet pedagoġiċi jintużaw puppetti u stejjer. Il-programm jiġi mogħti lit-tfal kollha tat-3 sena fl-iskejjel primarji. Issir ukoll laqgħa għall-ġenituri biex jiġu mgħarrfa dwar il-programm u l-kontenut tiegħu, bil-għan li fid-djar huma jsaħħu l-istess idejat. L-għan prinċipali tat-T.F.A.L. tal-5 Sena hu li jipprovdi edukazzjoni bażika, u informazzjoni dwar alkoħol, tabakk, drogi legali u llegali, loġħob kompulsiv u l-Internet, fil-waqt li jgħin lit-tfal biex jakkwistaw ħiliet li jgħinuhom ma jinqabdux f'*addictions*. T.F.A.L. għas-6 sena: *Qed Nikber* jiġi offrut jew bħala programm ta' ġurnata jew bħala programm mifruq fuq tliet sezzjonijiet. It-tfal jiġu mogħtija l-opportunità, permezz ta' attivitajiet varji, biex jiżviluppaw kuxjenza skont l-eta' tagħhom fuq l-abbuż ta' sustanzi, fil-waqt li jiġu ċċalengjati dwar l-idejat żbaljati li jirċievu mill-media u minn sħabhom. Dan jgħin lit-tfal jiżviluppaw ħiliet biex jieħdu deċiżjonijiet tajba f'ħin.
- **Sedqa** tipprovdi wkoll programmi għat-tfal tal-iskola. L-iktar importanti fost dawn huwa programm ta' tlett ġimgħat Skolasajf, li huwa programm edukattiv/logħob li jsir matul il-vaganzi tas-sajf għat-tfal fis-snin 4, 5, u 6 fl-iskejjel primarji. Is-suġġett ewlieni jinbidel kull sena mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Is-suġġetti li jiġu trattati huma l-Familja, l-Iskola, l-Isport, il-Ħbieb u Kif Tfitte l-Għajnunha, fost

⁵ Dan l-akronomu T.F.A.L. li jintuża għal dan il-programm huwa naturalment mibni fuq il-kelma Maltija 'tfal'.

I-oħrajn. Il-programm Nikber Aħjar huwa ntenzjonat biex jgħin tfal li qed jgħixu fi djar residenzjali biex jiżviluppaw personalita' soda, u biex irawwmu karattru li jkun jista' jiffaċċja ċ-ċallengis marbutin ma' vizzji aktar `il quddiem.

- **Servizzi għall-iskejjel Sekondarji** jservu biex isaħħu l-kurrikulu, jipprovdu attivitajiet li jaqblu mal-kalendarju tal-skola, u joffru programmi marbuta mal-prevenzjoni tal-vizzji u logħob kompulsiv. Sedqa tipprovdi sezzjonijiet u korsijiet skont l-età, pjani ta' lezzjonijiet għall-għalliema u riżorsi oħra. Sedqa torganizza wkoll taħriġ kull tant żmien permezz ta' seminars u attivitajiet oħra għall-għalliema li jmexxu dawn il-programmi. Il-programm **Crossroads** (Salib it-Toroq) jinkorpora sett ta' riżorsi u pjanijiet ta' lezzjonijiet li jkopru problemi ta' kuljum, marbutin mal-abbuż ta' sustanzi u vizzji oħra, u huma maħsuba b'mod li jistħu jiġu nkorporati fil-kurrikulu ta' diversi suġġetti bħall-Malti, Żvilupp Personali Soċjali (PSD), Studji Soċjali u Home Economics.⁶ Il-programm **LifeFORCE International Programme** huwa mmexxi minn organizzazzjoni nisranija ta' teatru li żżur skejjel, knejjess u ċentri tal-komunità madwar id-dinja fuq bażi volontarja. Rappreżentazzjonijiet ta' drama u mużika minn dan il-grupp huma prinċipalment intenzjonati għal studenti fil-klassijiet il-kbar tal-iskejjel sekondarji. Inizzjattivi oħra jinkludu **Kors ta' Prefects' Leadership; Programm ta' School Development & In-Service Training; Testimonials** [li jinvolvi diskussjonijiet ma' persuni li għaddew minn problemi ta' droga u li ġeneralment ikunu waslu fl-aħħar fażi tal-programm ta' riabilitazzjoni] għall-istudenti tal-Form 4 u tal-Form 5; **Laqgħat għall-Ġenituri** maħsuba biex jgħinu lill-ġenituri jipprovdu ambjent aħjar għat-tfal tagħhom li qed jikbru, kif ukoll li jfornuom **b'materjal stampat** biex jgħinu lill-istudenti biex isegu dawn is-sezzjonijiet.⁷
- **Servizzi Psikoloġiċi għat-Tfal.** Minn Awissu tal-2012, is-servizzi psikoloġiċi kemm tal-Aġenzija Seda kif ukoll tal-Aġenzija Appoġġ ġew amalgamati taħt it-tmexxija tas-Sedqa, għalkemm komplew jipprovdu servizzi lill-klijenti taż-żewġ aġenziji. Fost dawn il-klijenti wieħed issib tfal li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu ġew riferuti mill-Aġenzija Appoġġ. Fost ir-raġunijiet li għalihom ikunu ġew riferuti wieħed isib trawmi kbar ikkaġunati minn abbuż u nuqqas ta' kura.

2.3.3 Aġenzija Sapport

Fi ħdan il-Fondazzjoni ta-Servizzi tal-Kura Soċjali, li qabel kienet magħrufa bħala s-Supported Living Division, b'inizzjattiva tal-Ministeru tal-Politika Soċjali fl-2001, ġew imwaqqfa servizzi komunitarji u servizzi residenzjali lil persuni b'diżabilita' u lill-familji tagħhom. Dan is-servizz hu tassew utli għall-familji ta' dawn il-persuni. Wieħed mill-affarjiet li jinkwieta lill-ġenituri u l-kuraturi ta' dawn it-tfal huwa x'jista' jiġri meta jiġu nieqsa huma. Fl-2001 ġie deċiż li din il-problema tiġi ndirizzata, u l-għan tal-aġenzija hu li tgħin persuni b'diżabilita' b'support pjuttost milli b'kura, sabiex ikunu

⁶ Il-programm sħiħ tas-Sedqa ikopri:

Form 1 – Introduzzjoni għas-servizzi offriti mis-Sedqa; xi tfisser il-fissazzjoni (addiction); xi tfisser il-ħsara mit-tipjip; *addictions* marbutin ma' IT.

Form 2 – Alkoħol: il-verità, dak li mhux veru u l-konsegwenzi.

Form 3 – Abhuż ta' sustanzi: abbuż u konsegwenzi ta' mediċini preskritti u ta' drogi illeċiti, li jinkludi l-kannabis, l-ecstasy, eroina, inhalants, kokaina u LSD.

Form 4 – Delinkwenza ġovanili u l-konsegwenzi; kontroll ta' rabja, fissazzjonijiet teknoloġiċi u sigurtà

Form 5 – Reviżjoni tal-materjal studjat fis-sinjor tal-iskola sekondarja. Tiġi mogħtija wkoll informazzjoni fuq Sedqa bħala punt ta' riferenza.

⁷ L-iktar importanti fosthom huwa l-ktejjeb *Fatti...Mhux Hrejjeġ* li hu indirizzat lejn il-ġenituri u ż-żgħażaġh. Dan il-ktejjeb fih informazzjoni fuq il-konsegwenzi tal-abbuż ta' sustanzi; fih informazzjoni fuq l-abbuż tal-alkoħol, abbuż tad-droga eċċ. *Fatti...Mhux Hrejjeġ* jiddiskuti l-miti dwar l-abbuż ta' sustanzi, jagħti l-fatti fuq diversi sustanzi u jispjega x'wieħed għandu jagħmel f'każ ta' emerġenza.

jistgħu jgħixu bl-iktar mod indipendenti li jistgħu skont l-abilitajiet tagħhom fil-komunità, fejn jircieveu s-support li għandhom bżonn u meta jkollhom bżonn.

2.3.4 Miżuri ta' protezzjoni soċjali

Is-sistema ta' protezzjoni soċjali Maltija taħseb sew fit-tfal. Fil-qosor, il-provedimenti jinkludu:

- **Children's Allowance:** dawn huma maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, il-'flat rate Children's Allowance' u l-oħra li hi suġġetta għat-test tal-mezzi. Ta' l-ewwel igawdu minnha il-familji li għandhom dħul ta' iktar minn €24,226 u ulied taħt is-16. Familji li għandhom dħul inqas minn €24,226 u li ukoll għandhom tfal taħt is-16, jistgħu ikunu intitolati għal rati oġġla ta' children's allowances. Familji li ma jilħqux dan l-ammont ta' dħul jistgħu ikunu wkoll intitolati għal allowances għal tfal li għalqu is-16 imma ma għalqux il-wieħed u għoxrin sena, sakemm ikunu qed jistudjaw jew qed jirreġistraw għax-xogħol u qatt ma kienu mpjegati.
- **Allowance għat-Tfal li qegħdin taħt Ħarsien: Child in Care Allowance:** Allowance għall-fostering hija mogħtija lil dawk li joffru dan is-servizz, u li ġew iċċertifikati mill-Aġenzija Appoġġ li huma uffiċjalment qed jiffosterjaw tifel jew tifla. Din l-allowance titħallas sa l-eta' ta' 21 sena, sakemm it-tifel jew tifla tkun għadha taħt il-kura tal-ġenituri li qed jiffosterjaw. Jekk il-familja tkun qed tiffosterja aktar minn tifel/tifla waħda, il-familja ssir eliġibbli għat-tfal kollha li tkun qed tiffosterja. Għal din l-allowance ma jsir l-ebda eżami tal-mezzi u hija mħallsa skond rati fissi, imma ma titħallasx flimkien ma' Children's Allowance għall-istess tifel/tifla.
- **Allowance għat-tfal b'Diżabilita':** Allowance għat-Tfal b'Diżabilita' titħallas lil familja li tkun qed tieħu ħsieb tifel/tifla b'diżabilita'. Il-bord mediku li japprova din l-allowance jista' japprovaha sakemm it-tifel/tifla tagħlaq is-16-il sena, jew għal perijodu ta' żmien. Fil-każ tal-aħħar issir reviżjoni wara li jgħaddi l-perijodu indikat mill-bord mediku. Din l-allowance mhix marbuta ma' test tal-mezzi u titħallas b'rata fissa sakemm it-tifel jew tifla jagħlaq s-16-il sena. Din l-allowance titħallas flimkien ma' Children's Allowance, jew mal-benefiċċju mogħti għall-Fostering.
- **Benefiċċju għall-Maternità:** Dan il-benefiċċju jiġi mogħti lil mara meta tkun tqila. Mara li tagħżel il-leave tal-maternità ma tikkwalifikax għal dan il-benefiċċju. Għalhekk mara li tapplika għal dan il-benefiċċju trid jew tkun ma taħdimx jew, jekk għadha taħdem, ma tkunx ibbenefikat miil-leave tal-maternità. L-applikazzjoni trid issir jew meta jasal it-tmien xahar tat-tqala, jew fi żmien sitt xhur wara li titwieled it-tarbija. Il-benefiċċju mhux suġġett għal test tal-mezzi u jiġi mogħti skont rata fissa.
- **Tnaqqis ta' Taxxi għall-Ġenituri:** Ġenituri li t-tfal tagħhom jattendu xi Faċilità ta' Kura matul il-Ġurnata għat-Tfal jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis ta' taxa li suppost titħallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni. Il-faċilitajiet iridu jkunu reġistrati mad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Ħidma Soċjali.
- **Skema ta' Sussidju tal-ETC għall-Kura tat-Tfal:** Il-Korporazzjoni tax-xogħol u t-Taħriġ (ETC) toffri benefiċċju ta' €1.50 fis-siegħa biex jitħallsu servizzi tal-ħarsien tat-tfal minn ġenituri waqt il-ħin li dawn ikunu qed jattendu kors ta' taħriġ organizzat mill-Korporazzjoni. In-numru tas-siegħat eliġibbli huwa kkalkulat b'siegħa qabel u siegħa wara li jdum il-kors. Dan il-benefiċċju jistgħu jibbenefikaw minnu persuni li għandhom responsabbilitajiet ta' ġenitur.

2.3.5 Politika Nazzjonali għat-Tfal

F'Novembru 2011, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol ta' dak iż-żmien, kien xandar abbozz ta' 'Politika Nazzjonali għat-Tfal'. Id-dokument ta' 91 paġna kellu l-għan li jaddotta politika ħolistika u integrata biex jippromovi programmi u azzjonijiet iffukati fuq it-tfal. L-abbozz kien mibni fuq għaxar prinċipji, jiġifieri: l-aħjar interess

tat-tfal, *mainstreaming*, *well-being*, parteċipazzjoni, protezzjoni, familji, akkuntabilità u sostenibilità.⁸

Meta ġie varat dan l-abbozz, il-Ministru tal-Familja ta' dak iż-żmien, Dolores Cristina, iddeskriviet id-dokument b'halha 'ċelebrazzjoni tat-tfulija li tagħti piż lill-vuċijiet tat-tfal għax it-tfal huma l-preżent u mhux il-futur'. Cristina sostniet li kull prinċipju għandu numru ta' rakkomandazzjonijiet prinċipali; biex hekk id-dokument ikollu l-għan li jwassal għall-koordinazzjoni tal-politika kollha fuq it-tfal permezz ta' *mainstreaming* tal-ħtiġijiet tat-tfal u billi jiggarrantixxi t-twettieq tal-wegħdiet, l-oġettivi u l-prinċipji mid-dipartimenti kollha.⁹ L-abbozz ta' politika huwa bbażat fuq il-ħtieġa li kull minn hu nvolut fix-xogħol mat-tfal jaħdem flimkien biex tiġi evitata l-frammentazzjoni.

⁸ Id-dokument sħiħ, *Politika Nazzjonali għat-Tfal – Kburin bit-Tfulija Tagħna* jinstab hawn: <http://3c3dbeaf6f6c49f4b9f4-a655c0f6dcd98e765a68760c407565ae.r86.cf3.rackcdn.com/7423365554563f7c1d728f784650d3812190623728.pdf>. Aċċessat fil-21 ta' Awissu 2013. Il-konsultazzjoni pubblika ntemmet f'Mejju 2012, u revizzjoni għandha tiġi ppubblikata. Qed tiġi kkunsidrata leġislazzjoni ġdida taħt il-forma ta' Att għat-Tfal.

⁹ Ara Maltatoday, <http://maltatoday.com.mt/en/newsdetails/news/national/Draft-national-children-s-policy-launched>. Aċċessat fi-21 ta' Awissu 2013.

3 Qafas ġenerali

Mid-deskrizzjoni dettaljata tas-servizzi pprovduti mill-istat, jidher ċar li l-infrasstruttura tas-servizzi f'Malta taħseb għal strateġija integrata u multi-dimensjonali. Il-fatt biss li ħafna mis-servizzi huma pprovduti minn Fundazzjoni waħda permezz ta' numru ta' Aġenziji juri biċ-ċar li l-għan hu tiġi assigurata l-omoġeneità, l-integrazzjoni, u biex ikunu msaħħa s-sinerġiji bejn id-diviżjonijiet tal-politika u min qed jaħdem fihom.

Il-varar tal-Politika Nazzjonali għat-Tfal, li ukoll temfasizza l-approċċ ħolistiku lejn id-drittijiet tat-tfal, hija indikazzjoni oħra li l-intenzjoni hi li tiġi assigurata l-mainstreaming tal-politika u d-drittijiet tat-tfal. Il-fatt però li l-perijodu ta' konsultazzjoni issa ilu li għadda, u ma saritx azzjoni biex biex din tkun promulgata, hija suġġett għal tħassib, u ma jidherx li dan jista' jkun li ġara sempliċement minħabba l-bidla fil-gvern li saret f'Marzu 2013.

Id-diversità ta' benefiċċji soċjali li jeżistu f'Malta ifittxu li joħolqu bilanċ tajjeb bejn policies universali u oħrajn indirizzati lejn gruppi speċifiċi, u li huma tassew jiffokaw fuq tfal li qegħdin f'iktar riskju minħabba li għandhom iktar minn żvantaġġ wieħed. Ix-xogħol tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità ħadmet biex tkun il-mutur għal bidla f'dan is-settur sa minn meta twaqqfet fl-1987. Il-benefiċċji mogħtija lill-familji bi tfal li għandhom diżabilità, u s-servizzi speċjali mogħtija lit-tfal li qegħdin taħt kura mogħtiha taħt l-awspiċji tal-Appoġġ, huma eżempji ta' kif benefiċċji mogħtija mill-istat lill-kullħadd huma mbagħad imkattru b'servizzi ndirizzati direttament lejn tfal li għandhom iktar minn żvantaġġ wieħed. Naturalment, dawk li qed jieħdu ħsieb it-tfal iridu dejjem iżjed, imma l-prinċipju ta' proviżżjoni parallela lit-tfal kollha u servizzi miżjuda għal tfal li għandhom bżonnijiet speċjali huwa prinċipju bażiku tas-sistema tal-kura soċjali Maltija.

Malta hija pajjiż żgħir fejn kullħadd jista' jiġi milfuq malajr, u għalhekk l-involvement ta' kull min għandu interess fil-formulazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet hija esperjenza ta' kuljum. Saħansitra aċċess għall-ministri u l-istaff tagħhom huwa ħaġa ta' kuljum. Imma minbarra dan hemm strutturi formali li jassiguraw li jkun hemm djalogu kontinwu bejn il-ġenituri, dawk li jieħdu ħsieb it-tfal minflok il-ġenituri u l-aġenziji. Fost dawn hemm il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Familja u l-aċċess tal-ġenituri u min jieħu ħsieb it-tfal għad-diversi bordijiet li jservu bħala bordijiet ta' appell u reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda mill-aġenziji. L-involvement dirett tat-tfal però ma jeżistix f'Malta għalkemm qed jiġu żviluppati inizzjattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażaġħ biex it-tfal jiġu kkonsultati.

Il-kriżi nternazzjonali ma affettwatx lil Malta b'mod qawwi, u l-benefiċċji soċjali fil-fatt ġew miżjuda. Għaldaqstant, ma kienx hemm bżonn ta' miżuri speċjali biex jiġu protetti t-tfal, ħlief naturalment li l-protezzjoni tal-impjiegi, ħaġa li ġiet mogħtija ħafna attenzjoni matul il-kriżi permezz ta' għajjnuna finanzjarja diretta lil dawk l-industriji li kienu iktar esposti għall-kriżi, affetwat indirettament il-benesseri tat-tfal waqt il-kriżi.

Hemm numru ta' modi kif dak li qed isir f'Malta jista' jiġi msaħħaħ. L-ewwelnett hemm bżonn riflessjoni fuq ir-rwol tal-ħaddiema soċjali li qed jaħdmu mat-tfal u mal-familji tagħhom. S'issa ix-xogħol kien pjuttost li jofri kura, u mhux proattiv. L-iżvilupp ta' programmi li jilhqnu n-nies jeħtieġ bidla radikali, *paradigm shift*, lejn programm li hu iktar aggressiv li jfittex in-nies u l-problemi tagħhom, ħalli jistgħu jiġu mgħejjuna l-individwi u l-familji saħansitra qabel ma dawn il-familji jirrikorru huma stess għall-għajjnuna. Dan jimplika żewġ inizzjattivi prinċipali:

- a) iktar riċerka diretta, min-naħa l-waħda, biex jiġu skoperti s-setturi (pockets) fejn hemm it-telqa u l-faqar li ma tantx jidher, u min-naħa l-oħra, jipprovdi nformazzjoni iktar dettaljata ta' fejn hemm il-faqar; u

- b) L-iżvilupp ta' sistema ta' ħaddiema soċjali tal-kommunita' li xogħolhom ikun li huma stess ifittixu familji li jidher li jistgħu jiżviluppaw biżżejjed skills biex joħroġu mill-problemi tagħhom. Ix-xogħol ta' dawn il-ħaddiema soċjali ikun li jgħinu direttament lill-dawn l-individwi u l-familji ftit ftit jibnu kapital soċjali ħalli jgħinu lilhom infushom biex jirbħu d-diffikultajiet finanzjarji, kulturali u oħrajn.¹⁰

Hawnhekk, kumment fuq ir-Rakkommandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż (CSR) huwa f'postu. Din ir-rakkommandazzjoni tgħid li *'għandha tiżdied ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol fl-edukazzjoni u u t-taħriġ biex jintlewi il-gaps li hemm, speċjalment permezz tar-riforma li tħabbret tas-sistema tal-apprentistat'*. Bla dubju ta' xejn l-intenzjonijiet li sawwru din ir-rakkommandazzjoni huma ta' min ifaħħarhom u l-ħolqien tal-MCAST u r-riforma fl-apprentistat huma importanti u neċessarji, kif deher biċ-ċar fis-snin meta l-MCAST kien ġie magħluq, u minħabba f'hekk Malta sofriet min-nuqqas ta' ħiliet li kienu meħtieġa biex l-ekonomija tikber. Fl-istess ħin però, jeħtieġ inkun emfasizzat il-fatt li jekk l-edukazzjoni ikollha għan dejjaq wisq għax marbut mal-impjiegi, dan ikun ħażin ħafna għal Malta. Kieku Malta ma kellhiex numru ta' ħaddiema li kienu flessibbli u ttrenjati sew biex jadattaw lilhom infushom waqt il-kriżi finanzjarja, l-istorja ta' Malta kienet tkun differenti ħafna. Fil-fatt, l-edukazzjoni f'Malta għaddiet minn perjodu fejn kellha għan dejjaq ħafna marbut max-xogħol fis-snin sebgħin, imma dan l-orjentament kellu jiġu malajr abbandunat meta deher ċar li sistema ta' edukazzjoni funzjonali dejjem taħdem b'ritard u qatt ma tkun tista' twieġeb fil-pront għal ħtiġijiet ġodda f'ekonomija li trid tiżviluppa. Huwa għalhekk li issa f'Malta hemm kunsens wiesgħa li edukazzjoni b'bażi wiesgħa hija ħafna iktar effiċċjenti biex tkattar il-potenzjal li l-ekonomija tikber, u dan jgħodd b'mod speċjali għal ekonomija żgħira li kontinwament jeħtieġilha tadatta lilha nfisha malajr ħafna għall-ħtiġijiet tas-suq.

¹⁰ Il-proġett LEAP (li hu ko-finanzjat mill-UE u li ser jibda dalwaqt) għandu jsaħħaħ ix-xogħol flimkien, għaliex biex isir iktar xogħol preventiv, il-kollaborazzjoni bejn kull min hu nvolut fil-kommunita' ser tissaħħaħ. Il-proġett LEAP għandu l-għan li jiġġielet l-esklużjoni soċjali permezz ta' numru ta' nterventi li jinkludu l-iżvilupp ta' sensiela ta' gruppi, kemm fuq il-livell reġjonali kif ukoll fuq il-livell lokali, biex ikabbru l-koeżjoni soċjali u l-mobilità f'diversi lokalitajiet; ifittixu l-aħjar prattiċi Ewropej permezz tas-sehem ta' sieħba minn pajjiżi oħra, sensiliet ta' taħriġ fl-Għaqdiet Volontarji u Istituzzjonijiet tal-Gvern, indirizzati għal persuni vulnerabbli, biex jgħinuhom jintegraw fis-suq tax-xogħol; u jkabbru l-potenzjal fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-gvern u oħrajn. Barra minn hekk, il-proġett ser ifassal u jimplimenta strateġija nazzjonali kontra l-faqar, kif ukoll joħloq database ġdida dwar id-diżabilità. Il-proġett LEAP ġie varat mill-Ministru fit-12 ta' Diċembru 2013. Kien ġie mħabbar, fost l-oħrajn, f'*The Times of Malta* f'Settembru 2013. Ara <http://www.timesofmalta.com/articles/view/20130903/local/Taking-a-leap-to-help-people-out-of-poverty.484606>. Aċċessat fit-30 ta' Diċembru 2013.

4 Aċċess għal riżorsi adegwati

4.1 Sapport għall-ġenituri biex ikunu jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol

Il-ħolqien ta' impjiegi, u ta' impjiegi siguri, kien wieħed mill-għanijiet ta' dawk responsabbli mill-pjanifikazzjoni ekonomika f'Malta, u l-gżira rnexxiela tbiddel l-ekonomija tagħha minn waħda tiddependi fuq l-ispiża militari ta' ħakkiem barranim li kellu bżonn lil Malta minħabba skopijiet strateġiċi, għal waħda mibnija fuq is-servizzi, it-turiżmu, l-ortikultura, is-servizzi finanzjarji u l-industrija f'nofs seklu. L-ekonomija Maltija irnexxiela turi l-kapaċità li tadatta lilha nfisha u tmur tajjeb saħansitra fi żminijiet diffiċli, bħal matul ir-riċessjoni riċenti. Gvernijiet suċċessivi konsistentement fittxu li jnaqqsu l-livell ta' diżimpjeg perezzi tal-edukazzjoni, u billi jiżviluppaw etika ta' xogħol. Dan naturalment ikkontribwixxa sew biex l-adulti ikollhom biżżejjed flus biex jipprovdu għall-ħtiġijiet ta' uliedhom.

Minkejja dawn it-tendenzi ġenerali, jeżistu setturi fejn l-ħaddiema ma humiex imħallsin kif suppost, u mhux imħarsin minn protezzjoni soċjali li tipprovdihom ħarsien meta jinqala' xi saram. Matul dawn l-aħħar xhur, ix-xogħol prekarju ġie msemmi ta' spiss ħafna u l-ħidma ta' trejd unjon kontra min qed jikkawżah qed ikollha effett. Is-setturi prinċipali fejn jeżisti huma s-servizz ta' ospitalità, is-servizzi tal-kura u x-xogħol part-time. It-Tabelli 2 u 3 jagħtu ndikazzjoni ta' kemm dan hu hekk. Wieħed irid jgħid però, li ħafna jippreferu jaħdmu b'rati baxxi ta' dħul u jiftehmu ma' min iħaddimhom biex ma jitħallsux il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, minkejja li dan ikollu effetti negativi meta jirtiraw mx-xogħol.¹¹

Settur wieħed ta' provvediment li qed ikollu impatt ħażin fuq is-settur tal-ħarsien soċjali f'Malta huma l-benefiċċji mogħtija lil ġenitur wieħed/waħda (single parents): ir-rata ta' persuni li qed jiddikjaraw li huma ġenitur wieħed/waħda, u li jiddikjaraw li ma jafux min hu l-missier, telgħet mas-smewwiet f'dawn l-aħħar snin. Sfortunatament ħafna jafu li jkun diskriminati pożittivament jekk jiddikjaraw dan l-istatus, u ssib min joħroġ tqila u jiddikjara li ma jafx min hu l-missier biex ikollhom aċċess iktar malajr għal djar soċjali u għall-benefiċċji finanzjarzji, għad-detriment tal-kaxxa ta' Malta u ta' ċittadini onesti, kemm miżżewġa kif ukoll le, meta jkollhom l-ulied u jiddikjaraw li jafu min hu l-missier.

Tabella 2: **Rati Persuni f'riskju-ta'-Faqar maħdum skont kemm jaħdmu**
%: Xogħol Full-time

geo\time	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
EU (27 pajjiż)	7.2 (e)	7.1 (e)	7.4	7.4	7.1	7.3	7.5 (e)
EU (15 pajjiż)	6.4	6.4	7	6.9	6.7	6.7	7 (e)
Stati Membri Ġodda (12)	10	9.6	9	9	8.7	9.3	9.4
Pajjiżo tal-Euro (17-il pajjiż)	6.6	6.6	7.2	7	6.9	7	7.3 (e)
Malta	3.6	3.5	4	4.5	5.3	5.1	5.5

Sors: SILC

¹¹ Il-gvern xandar miżuri biex iwaqqaf ix-xogħol prekarju. Żur <http://www.independent.com.mt/articles/2013-06-24/news/government-presents-proposals-on-precarious-work-1900478465/> fuq dawn il-miżuri. Aċċessat fit-30 ta' Settembru 2013.

Tabella 3: **Rati Persuni f'riskju-ta'-Faqar maħdum skond kemm jaħdmu
%: Xogħol Part-time**

geo\time	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
EU (27 pajjiż)	11.1 (e)	11.5 (e)	12.1	12.3	12.6	12.4	13.5 (e)
EU (15 pajjiż)	9.5	10.2	10.9	11.1	11.1	11.3	12.1 (e)
Stati Membri Ġodda (12)	28	28	27.5	27.6	29	25.9	30.8
Pajjiżi tal-Euro (17-il pajjiż)	9	9.7	10.8	11	11	11.4	12.2 (e)
Malta	8.9	8.9	8.5	6.4	8.9	6.9	11.8

Sors: SILC

Il-fatt li l-ġenituri għandhom drittijiet għal leave dfferenti jgħinjom ħafna biex isibu bilanċ bejn ir-rwol tax-xogħol u dak li jrabbu l-familja. Id-drittijiet għall-leave jistgħu jinġabru f'erba' gruppi:

- **Leave tal-maternità:** Skond il-liġi, impjegata tqila għandha dritt għall-leave tal-maternità. F'każ li mara hi tqila, qed tredda, jew għadha kif welldet, u li tista' tkun esposta għal periklu waqt ix-xogħol li jista' jaffetwa ħażin is-saħħa tagħha jew tat-tarbija jew it-tqala, din il-mara għandha dritt għal leave ta' maternità speċjali sakemm jibqa' jeżisti dan ir-riskju. Impjegata hija wkoll intitolata għal ħin bi ħlas, u mingħajr telf ta' xi benefiċċju ieħor, biex tattendi eżamijiet ta' qabel it-twelid jekk dawn l-eżamijiet iridu jsiru waqt il-ħin tax-xogħol. Mara tqila tista' tieġu leave tal-maternità għal perijodu bla waqfien ta' erbatax-il ġimgħa (14) b'paga sħiħa. Mill-2012, id-dritt għall-leave tal-maternità ġie mtawwal għal sittax-il ġimgħa u mill-2013 għal tmintax-il ġimgħa. Però jekk l-impjegata tkun trid leave iktar minn erbatax-il ġimgħa, min iħaddem ma jkunx obligat iħallas paga għal dawk il-ġimgħat żejda, mingħajr preġudizzju ta' xi benefiċċju ieħor, skond l-Att tas-Sigurta' Soċjali, li l-impjegata jista' jkollha dritt għalih. L-impjegata hija obligata li tieġu sitt (6) ġimgħat leave minn dak li għandha dritt għalih immedjatement wara t-twelid. Erbgħa (4) ġimgħat oħra iridju jittieħdu immedjatement qabel id-data tat-twelid, sakemm ma jkunx hemm xi qbil ieħor bejnha u bejn min iħaddimha. Il-bilanċ irid jittieħed, kollu jew biċċa minnu, jew immedjatement qabel jew wara il-perijodi msemmija hawn fuq, skont kif tiddeċiedi l-impjegata. Kif jispiċċa il-leave tal-maternità, l-impjegata għandha d-dritt li tmur lura għax-xogħol fil-post li kellha meta bdiet il-leave tal-maternità, u jekk dak il-post ma jkunx għadu jeżisti, għal post tal-istess tip.¹²
- **Leave għal twelid:** Kull impjegat huwa ntitolat għal leave bi ħlas fl-okkażżjoni tat-twelid ta' tarbija lill-mara tiegħu. Dan id-dritt jista' jvarja skond kif tapplika il-[Wage Regulation Order](#)¹³. L-impjegati li jaħdmu f'xogħol li mhux regolat b'xi W.R.O., huma ntitolati għal jum leave, kif stipulat fl-Avviż Legali 432 tal-2007 – *Minimum Special Leave Entitlement Regulations*¹⁴. Id-dritt għall-leave huwa marbut mat-twelid ta' tarbija, u għahekk f'każ li jitwiieldu tewmin, id-dritt huwa d-doppju.
- **Leave ta' ġenitur bla ħlas:** Il-ħaddiema, kemm irġiel kif ukoll nisa, għandhom id-dritt individwali għal leave bla ħlas f'każ ta' twelid, adozzjoni, fostering jew

¹² Dan il-benefiċċju huwa rregolat mill-*Wage Regulation Order* rispettiva u mill-A.L. 439 tal-2003 - *Protection of Maternity (Employment) Regulations*. Ara <http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11225&l=1>. Aċċessat fit-30 Awissu 2013.

¹³ See: http://industrialrelations.gov.mt/industryportal/publications_and_archives/legislation1/wro.a.spx. Aċċessat fit-30 Awissu 2013.

¹⁴ Ara: <http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11235>. Aċċessat fit-30 Awissu 2013.

kustodja legali ta' wild, biex ikunu jistgħu jieħdu ħsiebhom għal perijodu ta' erba' xhur sakemm il-wild jagħlqu tminn snin. Dan il-leave jista' jiġi utilizzat f'perijodu ta' xahar kull darba.¹⁵

- **Leave tal-familja urġenti:** Min iħaddem huwa marbut bil-liġi li jagħti lil kull impjegat minimum totali ta' ħmistax-il siegħa leave fis-sena bi ħlas għal raġunjet familjari. Dawn is-siegħat jitnaqqsu mill-leave li għandu dritt għalihom l-impjegat. Dan il-leave irid ikun marbut ma' każi ta' mard, jew ma' inċidenti ta' membri tal-familja mmedjata tal-impjegat/a.¹⁶

4.2 Livelli ta' Għixien Adegwat

Il-benefiċċju principali¹⁷ pprovdut mill-istat li l-aktar jaffetwha lit-tfal huwa l-voucher tal-enerġija, li jibbenefikaw minnu dawk il-persuni li jikkwalifikaw għall-benefiċċji tas-servizzi soċjali, dawk li jirċievu pensjoni tal-irtirar jew diżabilità, u dawk li jirċievu għajjuna supplementari jew assistenza minħabba li jkun qegħda.¹⁸ Imma s-sistema ta' kura f'Malta mhix ristretta għal dak li jipprovidi biss l-istat. Numru ta' Għaqdiet Volontarji, li jinkludu lil Malta Community Chest Fund¹⁹, organizzazzjoni ppreseduta mill-President tar-Repubblika, kif ukoll ħafna organizzazzjonijiet oħra jew gruppi fi-parroċċi mmexxijin mill-Knisja, jipprovidu għajjuna b'mod regolari lil familji u persuni fil-bżonn, u għalhekk jgħinu lit-tfal biex jgħixu f'livell ta' għixien adegwat. Dan ma jfissirx li ma hemmx min isibha diffiċli li jkampa, speċjalment fost l-immigranti rregolari u persuni oħrajn li jibbenfikaw mis-sistema ta' protezzjoni internazzjonali u li ma għandhomx impjeg regolari. Ifisser imma li f'Malta jeżistu ħafna mezzi, li jvarjaw mill Community Chest Fund għal organizzazzjoniet ta' karità fil-parroċċi, li jiżguraw li dak li jkun ikollu biex jgħix. Naturalment x'inhu 'adegwat' huwa ħafna iktar diffiċli biex wieħed jista' jistabilixxih għax dan hu terminu relattiv. Studju reċenti magħmul mill Caritas fil-fatt wera li minkejja l-eżistenza tal-paga minima f'Malta, u s-servizzi soċjali mxerrdin mal-popolazzjoni, mhux kulħadd hu assigurat li għandu l-minimu meħtieġ.²⁰ F'dan l-istudju ġew ikkunsidrati tlett tipi ta' familji: (i) żewġ adulti u żewġt-itfal dipendenti; (ii) ġenitur wieħed/waħda u żewġt-itfal; u (iii) koppja anzjana. F'kull każ kien assumit li dawn kellhom id-dritt għall-karta r-roża (karta roża, taħt it-Tieni Skeda, li minnha jibbenfikaw għal ikel b'xejn minn skemi tal-UE jew skemi ta' ikel

¹⁵ Dan il-benefiċċju huwa rregolat mill-A.L. 225 tal-2003 - Parental Leave Entitlement Regulations. Ara

<http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11212>.

Aċċessat fit-30 Awissu 2013

¹⁶ Dan il-benefiċċju huwa rregolat mill-A.L. 296 tal-2003 - Urgent Family Leave Regulations. Ara <http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11222..> Aċċessat fit-30 Awissu 2013.

¹⁷ Ir-rati ta' taxxi preżenti, li ġew mibdula fl-aħħar baġit, jistgħu ukoll jiġu kkunsidrati li indirettament affatwaw il-kwalità tal-ħajja tat-tfal.

¹⁸ Servizzi oħra ssussidjati, bħal *Meals on Wheels*, jeżistu ukoll, imma dawn m'humix indirizzata lejn it-tfal. Fuq *Meals on Wheels* ara https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/elderly/meals_on_wheels.aspx. Aċċessat fit-27 Awissu 2013.

¹⁹ Il-ġbir ta' fondi għal dan il-fond mill-Malta Community Chest Fund huwa L-Istrina, martona li ssir permezz al-mezzi tax-xandir qrib l-ewwel tas-sena. Għal aktar dettalji fuq il-fond u fuq l-accounts tal-fond, are <http://www.maltacommunitychestfund.org>. Matul is-sena 2012 il-fond ipprova għajjuna ta' madwar €2.3m, u ġabar €3m f'kontribuzzjonijiet. Aċċessat fid-29 ta' Awissu 2013.

²⁰ Ara 2012. A Minimum Budget for a Decent Living – a research study by Caritas Malta focusing on three low-income household categories'. Ara r-rapport sħiħ [http://www.caritasmalta.org/AMinimumBudgetforaDecentLiving_McKay_Sammut_Farrugia_Piscopo\(MinimumSize\).pdf](http://www.caritasmalta.org/AMinimumBudgetforaDecentLiving_McKay_Sammut_Farrugia_Piscopo(MinimumSize).pdf). Accessat fid-28 ta' Awissu 2013.

lokali, joqgħodu f'residenzi tal-gvern jew b'kera ssussidjat, u li jirċievu il-voucher tal-enerġija).

4.3 **Assesement: Saħħiet u Djufijiet, sfidi prinċipali u ħtiġijiet ta' titjib fil-politka**

L-isfidi prinċipali ta' Malta f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfal huma 'l bogħod mill-istrutturi li jeżistu fuq il-karta, għaliex numru kbir ta' proviżżjonijiet u strutturi fil-fatt jeżistu, u kieku kellhom jaħdmu sew, it-tfal Maltin kienu jkunu moqdi jin sew. Din hija l-ikbar saħħa fil-kuntest Malti. Id-djufija hi li s-servizzi li jeżistu mhux dejjem jaslu sat-tfal infushom, u, iktar minn hekk, isir ftit wisq xogħol preventiv. Is-sistema tal-kura Maltija hija primarjament kurattiva, ibbażata fuq sistema li min għandu bżonn l-għajnuna iftittixha hu u mhux fuq waħda li tfittex hi stess lil min għandu bżonn. L-istitutzzjonijiet tal-istat, min naħa l-oħra jidhru li huma pjuttost mgħammra minn persuni li iktar jimpurtahom mill-karriera, u li l-organizzazzjoni tidher sabiħa, mingħajr ma jagħmlu awditjar ta' kif qed jiġu mogħtija s-servizzi, u tal-kwalità tas-servizzi nfushom.

Jekk wieħed jgħarbel is-sitwazzjoni, malajr jinduna b'xi affarijiet:

- a) Numru ta' tfal li qegħdin fl-istitutzzjonijiet tal-kura qed jibqgħu hemm mingħajr qatt ma jkollhom iċ-ċans li jkunu adottati minħabba l-liġi kif inhi li fil-fatt tippermetti, imma b'diffikulta' kbira, adożżjonijiet mingħajr il-kunsens tal-ġenituri;
- b) Is-servizzi tal-fostering huma estiżi imma meta jsir fostering il-familji li jiffosterjaw mhux dejjem jiġu segwiti sew. In-numru ta' każi ta' abbuż minn ġenituri li ffosterjaw mhux kbir, imma każijiet jeżistu. Każ fejn ħaddiema soċjali tal-gvern joħolqu problemi bla bżonn biex tfal iffosterjati jżuru lill-familji oriġinali tagħhom biex iżommu relazzjoni b'saħħitha ukoll jeżistu²¹;
- c) Fis-servizzi tal-kura residenzjali is-servizz Sapport Intensiv (*High Support*) qed jiżviluppaw erba' tendenzi negattivi, jiġifieri:
 - i. F'ħafna każi, 'sapport intensiv' qed jiżola lit-tfal milli jkollhom interazzjoni sħiħa ma' sħabhom għaliex qed ikunu il-ħin kollu segwiti mill-ħarriesa tagħhom (kull tifel/tifla għandu ħarries iddedikat għalih/a biss) tant li din is-superviżżjoni issir soffokanti. Każi ta' possessjoni żejda huma magħrufa;
 - ii. 'Sapport Intensiv' qed iwassal għal ħafna ħela ta' riżorsi umani u finanzjarji meta tfal ma jkunux fl-istitutzzjoni tal-kura (p.e. meta jkunu l-iskola) għax dak il-ħin il-ħarriesa ma jkollhomx x'jagħmlu u jispiċċaw jagħmlu xogħol ta' tindif u xogħol ieħor ta' assistenti ġenerali fl-istitutzzjoni fejn ikunu assenjati. F'xi każi, il-ħarriesa iwasslu t-tfal l-iskola u mbaġħad jikkunsidraw il-ħin meta t-tfal ikunu l-iskola bħala ħin liberu għalihom;
 - iii. 'Sapport Intensiv' faċilment jiġi abbużat (kemm mill-ħarriesa kif ukoll mill-amministraturi tad-Djar) permezz ta' sistema li faċilment tindika tfal ftit imqarbin bħala 'high risk', jew li għandhom atteġġjament diffiċli;
 - iv. Is-sistema tas-'Sapport Intensiv' ġabet il-ħolqien ta' superstruttura fi ħdan l-*Appoġġ*. Teknikament, il-ħaddiema Soċjali jagħmlu superviżżjoni tal-ħarriesa tas-'Sapport Intensiv'. Imma fil-fatt dan qed iwassal għal ħela kbir u l-ħolqien ta' strutturi burokratiċi mhux meħtieġa.

²¹ Il-kittieb preżenti iltaqa' ma' każi fejn il-ġenituri ma ġewx mgħejjunin biex jiltaqagħu ma' uliedom li qed jiġu ffosterjati, taħt ċirkustanzi li mhux dejjem kien i ċari. In-natura kunfidenzjali ma tippermettix li jsiru riferenzi diretti għall-każi individwali hawnhekk. Imma dan qed jingħad b'responsabilità sħiħa, u l-awtoritajiet huma mistiedna biex almenu jinvestigaw il-materja u jieħdu l-azzjoni neċessarja.

- d) F'kull aspett tal-kura tat-tfal f'Malta, f'tit li xejn qed isir biex it-tfal jgħinu lit-tfal u lill-familji tagħhom biex joħroġu miċ-ċiklu tal-faqar, u biex jassigura li t-tfal u l-familji fil-periklu tal-faqar ma jiġux miblugħa fih. Dan jgħodd kemm għall-familji li għandhom tfal fil-kura residenzjali, kif ukoll dawk li għad għandhom it-tfal magħhom.
- e) Is-servizz ta' kura tat-tfal f'Malta mhux ibbażat fuq studji ta' riċerka li jsiru b'mod regolari biex jassiguaw li s-sistema ta' servizzi taħdem b'mod effiċċjenti. Ir-riċerka hi meħtieġa li tkun marbuta mas-sitwazzjoni lokali u mhux sempliċement tkun importata minn barra, mibnija fuq kunċetti u strateġiji li mhux bilfors japplikaw għall-kuntest lokali. Ideament, riċerka f'dan is-settur trid tkun magħmula skont il-parametri tar-riċerka 'action research', u li tkun multi-dixxiplinari.
- f) Is-servizz tal-kura tat-tfal huwa nieqes minn servizz ta' 'respite', li jipprovdi attenzjoni ta' kura intensiva, mhux fit-tul imma ffukata, għal dawk it-tfal li jistgħu jibbenefikaw minn perijodi ta' terapija intensiva f'mument diffiċli tal-ħajja tagħhom;
- g) Is-servizz tal-kura tat-tfal huwa nieqes mill-faċilità ta' kura għal dawk it-tfal li jgħibu ruħhom ħażin ħafna. Dawn ġeneralment jispiċċaw jiddaħħlu fil- YPU [Youth Persons Unit] ġo l-Isptar Mount Carmel, l-isptar tal-kura mentali. Kura fit-tul għal dawn il-każi ma teżistix.

Fid-dawl ta' dan kollu, jidher li l-ħtiġa l-iktar importanti u immedjata f'Malta hija li jsir awditjar professjonali u indipendenti tas-servizzi li qed jiġu mogħtija, u ta' kemm fil-fatt qed jaslu sat-tfal infushom. Saħansitra benefiċċji finanzjarji bħal children's allowances, li jitħallsu lill-ġenituri, spiss jintefqu fuq ħwejjeġ li ma għandhomx x'jaqsmu mal-ħtiġijiet tat-tfal stess.

Il-ħaġa l-oħra importanti hi li jkun hemm bidla minn servizz kurattiv għal wieħed preventiv, mibni fuq servizzi li min-natura tagħhom ifittixu l-każi fil-bżonn direttament (out-reach). L-iżvilupp ta' ħaddiema soċjali tal-kommunità, li jaħdmu fuq il-livell tal-kommunità f'dawk il-postijiet li huma magħrufin li hemm problemi, bħar-reġjun tal-Kottonera, huwa urġenti ħafna. Ċentri fejn wieħed jista' jmur jekk ikollu problema (drop-in), bħalma hu iċ-ċentru AĊĊESS fil-Kottonera, ma tantx għandhom effett fit-tul biex inisslu bidliet għaliex dawn iservu biex jgħinu biss lil individwi li huma konxji mill-ħtiġijiet tagħhom.

Miżuri oħra li qed jiġu suġġeriti hawnhekk²² għax minnhom jistgħu jibbenifikaw it-tfal huma:

- a) tibdil fil-Liġi tal-Adozzjoni biex jiġu studjati l-possibilitajiet li jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' tfal li jkun ilhom ħafna fl-istuzzjonijiet tal-kura residenzjali;
- b) riforma radikali tal-High Support Service²³;
- c) il-ħolqien ta' Servizz Speċjali ta' Prevenzjoni;
- d) Il-ħolqien ta' Kumitat-Konġunt bejn l-Istat u l-Knisja u Organizzazzjonijiet Volontarji oħra nvoluti direttament fis-servizzi tal-kura tat-tfal biex jiġu eżaminati fuq bażi regolari s-sistemi ta' kura u ħarsien, il-ħtiġijiet ta' riċerka, u s-setturi fejn hemm ħtieġa ta' innovazzjoni;

²² Dawn is-suġġerimenti qed jiġu offruti mill-kittieb preżenti bħaħa mezz għal żvilupp positiv u saru wara konsultazzjoni fit-tul ma' persuni b'esperjenza twila f'dan is-settur.

²³ Ir-riformi f'dan is-servizz huma urġenti. Dawn jistgħu jinkludu: sistemi ta' xift maqsum, reklutaġġ ta' ħaddiema part-time u taħriġ. Ir-reklutaġġ tal-ħaddiema, anki jekk imħallas mill-Istat, għandu jinvolvi lill-managers tad-djar li ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala dawk li jipprovdu sempliċi akkomodazzjoni, imma li jħossu r-responsabilità tal-kura šiħa tat-tfal b'mod ħolistiku, kif fil-fatt kien isir għal ħafna snin, imma li dan l-aħħar qed jinbidel bl-involvement 'eċċessiv' ta' uffiċċjali tal-istat.

- e) il-ħolqien ta' short-term Respite Centre biex jilħaq il-ħtiġijiet tat-tfal għal perijodi qosra fi żminijiet diffiċli;
- f) il-ħolqien ta' faċilità speċjali li l-għan tagħha hu li tagħti servizz speċjalizzat u fit-tul lil dawk it-tfal li qegħdn f'kura residenzjali u li l-imġieba tagħhom toffri sfidi estremi; u
- g) kontinwazzjoni tas-servizzi li qed joffri bħalissa il-Bord Konsultattiv għat-Tfal u ż-Żgħażagħ bħala struttura ta' revizzjoni kif qed isir bħalissa.

5. L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-inklużjoni soċjali fis-semestru Ewropew

Fl-NRP ta' Malta għas-sena 2013, it-tfal huma msemmija mhux inqas minn sebgħa u sittin darba, ħaġa li turi ċar li t-tfal huma parti importantissima fil-politika ta' riforma nazzjonali. Is-setturi li huma koperti iwarjaw minn servizzi ta' kura għat-tfal żgħar permezz ta' kura residenzjali għal oħrajn li joffru support lil familji li għandhom tfal bi ħtiġijiet speċjali. Attentzjoni kbira hija mogħtija lil kif il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ġdid hu ntenzjonat biex jiżviluppa l-attitudnijiet tat-tfal u kif dawn iħarsu lejn il-ħajja, kif ukoll lis-servizzi li huma meħtieġa biex isostnu s-sistema edukattiva. L-NRP jirrevedi ukoll id-drittijiet ta' leave li għandu jkollhom il-ġenituri biex jissaħħu l-miżuri li jgħinu l-familji, kif diġà' ġew spjegati fil-qosor aktar 'il fuq. Waħda mill-innovazzjoniet tal-NRP hija l-introduzzjoni ta' waqfa fil-karriera ta' min jaħdem fiċ-ċivil: ġenituri u gwardjani legali huma nitotlati għal waqfa ta' 5 snin bla paga, li jistgħu jiġu użati għal kura ta' tfal taħt it-8 snin. Il-ħames snin jistgħu jintużaw f'daqqa, u jistgħu jitnaqqsu f'perijodi ta' tlett xhur. Jekk il-5 snin ma jintużawx f'daqqa, il-bilanċ jista' jintuża biss jekk ikun hemm iktar tfal. Dan il-perijodu ta' 5 snin ta' leave bla paga jista' jinqasam bejn il-ġenituri, fil-każ ta' kull wild.

Mill-2012, ġiet introdotta riforma importanti fit-taxxa fuq id-dħul, li ser ikollha effett fuq kemm ser ikollhom flus f'idejhom il-familji bit-tfal: minbarra l-possibilità ta' komputazzjoni singola, jew flimkien bħala koppja, ġiet introdotta sistema ta' komputazzjoni tat-taxxa 'Komputazzjoni tal-Ġenituri'. Din tipprovdi għal rati aħjar għall-ġenituri li għandhom tfal taħt it-18 u għal dawk li għandhom tfal taħt il-21 li għandhom qed jistudjaw.²⁴

Biex jiġu mħajjra aktar ġenituri, speċjalment nisa, għax-xogħol, il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) toffri, permezz ta' sussidju għall-ħarsien tat-tfal, sussidju ta' €1.50 fis-sieġha għal servizzi ta' ħarsien tat-tfal li jistgħu jibbenefikaw minnu dawk li jkun qed jieħdu taħriġ offrut mill-Korporazzjoni. Il-ħin hu ikkalkulat minn sieġha qabel li jibda u sa sieġha wara li jispiċċa t-taħriġ. Dan il-benefiċċju jista' jibbenefika minnu kull min għandu responsabbiltajiet ta' ġenitur u japplika biss għal dawk il-ġranet meta il-ġenitur jew min għandu r-responsabilità li jieħu ħsieb it-tfal ikun qed jattendi l-kors ta' taħriġ tal-ETC.

B'mod parrallel ma' dawn il-miżuri finanzjarji, miżuri oħra jindirizzaw l-assenteiżmu u t-tluq kmieni mill-iskola. Bħala parti minn dawn il-policies fl-edukazzjoni, timijiet multi-dixiplinarji f'kull wieħed mill-10 kulleġġi li fihom jiġbru l-iskejjel kollha tal-gvern, għandhom l-għan li jimmonitorjaw dawk il-familji fejn hemm iktar riskju ta' assenteiżmu mill-iskola, biex ikunu jistgħu jiġu mogħtija s-sapport meħtieġ biex jiġu ndirizzati dawn il-problemi. Strateġija oħra għandha l-għan li tnaqqas l-assenteiżmu matul l-ħajja tal-istudent mill-Kinder sa' Sena 1, minn Sena 6 sa Form 1 u minn Form 5 sa' istituzzjonijiet post-akkademiċi u l-post tax-xogħol. L-NRP jirraporta l-mod ġdid ta' ħidma qed tiġi użata, li tinvolvi tim multi-dixiplinari magħmul minn kunsilliera ta' karrieri, ħaddiema soċjali, kunsillieri u għalliema gwida (guidance teachers) biex jilħqu lil dawk li għandhom l-iktar probabilità li jitolqu kmieni mill-iskola, partikolarment studenti li ma jattendux skola spiss matul Form 4 u Form 5, kif ukoll l-istudenti kollha ta' Form 5 li ma qagħdux għall-eżami tal-MatSec. Dawn l-istudenti jiġu kkuntattjati u mistiedna jattendu sezzjoni individwali u wara jiġu segwiti individwalment.

Fil-qosor mela, wieħed jista' jgħid li l-NRP jindirizza l-qofol tal-problemi prinċipali li jinvolvu lit-tfal Maltin, kemm fil-qasam tal-ħarsien kif ukoll fil-qasam tal-edukazzjoni. L-orjentazzjoni ta' 'reaching out' li qed tiġi adottata fl-istrutturi edukattivi hija l-aħjar

²⁴ Ara Malta NRP għas-sena 2013, paġna 109.

orjentazzjoni li tista' tiġi adottata u għandu jkollha effett tajjeb fis-snin li ġejjin. Però din tibqa' azzjoni kurattiva. Hemm il-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema li tiegħu azzjoni preventiva iktar kmieni fil-ħajja. Biex dan ikun effettiv, però, hemm bżonn ta' 'paradigm shift' fis-servizzi personali ta' ħidma soċjali f'Malta. F'ħafna sensi dan hu urġenti ħafna.

6. Użu ta' strumenti finanzjarji tal-UE

Malta fittxet li tagħmel użu estensiv mill-istrumenti finanzjarji tal-UE. Is-setturi li jaffetwaw l-aktar lit-tfal huma l-edukazzjoni. Għalhekk finanzjamenti li jaffetwaw lit-tfal ġew użati kemm taħt il-Programm Operazzjonali I, kif ukoll taħt il-Programm Operazzjonali II tal-Polikta ta' Koeżjoni 2007-13. Ir-Rapport ta' l-Istrateġija ta' Malta tal-Politika ta' Koeżjoni fil-fatt jiddedika sezzjoni twila għall-kontribuzzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex jintlaħqu l-oġettivi u t-targets tar-Rapport Strateġiku Nazzjonali għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali kif ukoll għall-prijoritajiet u oġettivi oħra fil-Kommunità fl-edukazzjoni u t-taħriġ.²⁵ Jiddeskrivi kif il-fondi ġew użati biex jintlaħqu l-isfidi biex jiġi miġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi:

- Tiżdied ir-rata tal-impjiegi, partikularment permezz tal-inklużżjoni tan-nisa u gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol;
- Jissaħħaħ l-impenn li titnaqqas ir-rata ta' tluq kmieni mill-iskola u r-rata ta' suċċess baxx fl-edukazzjoni;
- Jiġu pprovduti iktar djar adegwati u bi prezzijiet raġonevoli;
- Jiġu miġġielda t-trasmissjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali minn ġenerazzjoni għall-oħra
- Jiġu promossi l-ugwaljanza u d-diversità; u
- Jiġi modernizzat is-sistema ta' protezzjoni soċjali biex tiġi żgurata is-sustenibilità, l-adeqwatezza u l-komprensività tiegħu, kif ukoll biex titjieb l-aċċessibilità, il-kwalita' u l-adeqwatezza tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

Għalhekk l-inizzjattivi permezz tal-FSE kellhom rwol maġġuri biex jintlaqgħu dawn l-isfidi partikularment permezz tal-Assi Prioritarja 3 'Promozzjoni tal-Ugwaljanza u l-Inklużjoni fis-Suq tal-Impjiegi', li l-għan tagħhom hu li jipromovu l-ingaġġ ta' xogħol stabbli u ta' kwalità minn persuni li jisbuha diffiċli jsibu x-xogħol. L-FSE għalhekk qed jindirizza l-oġettivi tal-prijorità prinċipali li ġew identifikati fl-istrateġija nazzjonali, li huma:

1. It-titjeb tal-prospetti tal-inklużjoni soċjali tat-tfal u żgħażaġh
2. Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali għall-gruppi kollha vulnerabbli;
3. Promozzjoni tal-ugwaljanza fl-opportunitajiet.

Minn dawn it-tlieta, tal-ewwel huwa naturalment l-iktar relevanti fil-kuntest preżenti, għalkemm l-effett tal-miżuri fuq it-tfal tat-tnejn l-oħra huwa wkoll importanti. F'dan il-kuntest, qed ikunu pprovduti fondi għal inizzjattivi li jgħinu ż-żgħażaġh jippreparaw għax xogħol billi jgħollu l-aspirazzjonijiet tagħhom u jżidu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni matul il-ħajja. I-Programm għall-Impjeg taż-Żgħażaġħ ifittex li jżid il-possibilita' ta' impjeg u l-integrazzjoni fis-suq tal-impjiegi taż-żgħażaġh, speċjalment ta' dawk li jispiċċaw l-iskola, li jistgħu jibbenifikaw minn iktar taħriġ, kif ukoll mill-għarfien tad-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom fuq ix-xogħol. Dan isir billi jiġu offruti servizzi bħal gwida fil-karrieri, terapija okkupazzjonali u servizzi psikoloġiċi għal żgħażaġh bejn 16-24 sena. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2011, aktar minn 2500 żgħażuġh kien ibbenifika minn dawn is-servizzi u kienu reġistrati bħala li jew diġa sabu impjeg jew li qed jistudjaw għal sitt xhur oħra wara li kienu rċevew l-għajnuna. Barra minn hekk, wieħed mill-gruppi li ġew ittargittjati mill-Programm għall-Għajnuna fl-Impjeg jipprovdu inċentivi finanzjarji lil żgħażaġh taħt il-25 sena fi żmien sentejn minn meta spiċċaw l-iskola u li kien irnexxielhom isibu l-ewwel impjeg full-time. Miżuri oħra

²⁵ Ir-rapport sħiħ jinstab fis-sit <http://www.ppcd.gov.mt/file.aspx?f=1685>. Aċċessat fis-26 ta' Awwissu 2013. Għan-National Reform Programme 2013, ara http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/nd/nrp2013_malta_en.pdf Aċċessat fit-30 ta' Diċembru 2013.

ffinanzjati mill-FES jipprovdu assistenza individwalizzata biex jagħtu liż-żgħażaġh l-għodda biex jintegrwaw ruħhom aħjar fis-suq tax-xogħol, iżommu impjeg stabbli, jgħaddu haġja b'saħħithom u jnaqqsu l-esklużjoni soċjali. Dan qed isir permezz ta' għajnuna mogħtija minn persuni li lesti jissaportjawhom u jgħinuhom jissettiljaw fi-haġja u li jkomplu jgħinuhom fl-esperjenza tax-xogħol.

L-użu li għamlet Malta ta' dawn l-istrumenti finanzjarji hu biex tiżviluppa l-infrastruttura. Probabbli l-iktar utli minnhom fit-tul huwa l-iżvilupp taċ-Ċentri tal-Kura tat-Tfal, faċilità li kienet nieqsa, u li fil-fatt ma kienitx daqshekk bżonnjuża minħabba s-sehem pjuttost baxx tan-nisa fid-dinja tax-xogħol u minħabba s-sapport li ġeneralment kien jiġi mill-membri tal-familja estiża. L-impatt ta' dawn it-tipi ta' interventi hu universali minħabba li dan is-servizz mhux meħtieġ biss minn gruppi speċifiċi ta' familji. Li wieħed jibni l-infrasstruttura f'perijodi ta' bidla hija ħaġa pożittiva, imma mbagħad trid tiġi sostnuta b'livelli oġhla ta' taħriġ għal dawk li ser jagħtu l-kura. Fil-fatt dan huwa ċ-čallengġ li issa jirdu jiffččjaw dawk li jridu jippjanaw is-sistemi soċjali fis-soċjetà Maltija, hekk kif is-soċjetà Maltija trid taġġorna ruħha għaż-żminijiet ġodda u fl-istess ħin tfittex li tippreserva l-valuri tradizzjonali tal-haġja tal-familja, il-kura ta-tfal u r-rabta bejn it-tfal u l-ġenituri taġħhom, proċessi li issa ma għadhomx isiru b'mod naturali imma permezz ta' strutturi maħluqa artifčjalment, u li huma pass 'il bogħod mir-rabtiet ta' intimità li kienu n-norma f'soċjeta' magħluqa, li issa ma għadhiex teżisiti aktar.

Kollox ma kollox, għalhekk, wieħed jista' jgħid li Malta għamlet sforzi sostanzjali biex timplimenta is-CSR f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfal, u dawn l-isforzi għandhom juru r-riżultati biex jonqsu dawk li qegħdin f'riskju-ta'-faqar. Hemm iżjed għarfien tal-ħtiġijiet, u kemm is-sistema edukattiva kif ukoll dik tal-ħarsien soċjali qed jagħmlu ħilithom biex jilqgħu għal dawn il-ħtiġijiet. Kif ġie ndikat aktar 'il fuq, però, dawn l-iżviluppi iridu joqogħdu attenti minn interpretazzjonijiet doġoq tas-CSR ta' Malta f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtieġa li l-edukazzjoni tkun aktar marbuta mas-suq tal-impjiegi minħabba li fi żmien medju u fit-tul dan jista' itellef it-tkabbir u, kif Malta tgħallmet mill-esperjeza taġħha stess tal-imġoddi, ma jkollhiex il-flessibilità u l-addattabilità li għandha bżonn l-ekonomija hekk kif jitfaċċaw inċentivi u inizzjattivi ġodda.

